MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru 5/2010

**Il-Pulizija**
**vs**
**Frans Pace**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra France Pace ta' 41 sena iben Carmel u Grace nee' Magri mwieled St Venera u residenti St Anne, Triq ix-Xghir Mirsah Kola Attard**

**Akkuzat talli fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici talli fl-Imtahleb ghamel jew gieghel jew halla isir xi xoghol ta' bini fil-post maghruf Ta' Wied il-Busbies Imtahleb, limit tar-Rabat Malta meta ma kellux il-permess mehtieg tal-PAPB jew ma harisx li tigi imharsa l-kundizzjonijiet imposti fil-permess meta jkun hemm dak il-permess.**

**Il-Qorti kienet mitluba tordna lil France Pace li jwaqqa' l-bini kollu mhux skond il-ligi.**

**Rat li l-prosekuzzjoni ppruvat li ttella' bini bla permess. Ghal hekk il-Qorti hija sodisfatatta li l-prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni.**

**Ghal hekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 63 (2) paragrafi 1 u 2 ta' l-Att 1 ta' l-1992, l-Att dwar l-Ippjanar, l-Artikoli 16 (1), 17 (1) (2) (3) u (8) u l-ARtikolu 17A tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta li kienu fis-sehh meta inharget ic-citazzjoni, qed ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh u qed tikkundannah ihallas multa ta' 234 Euro. Ai fini ta' l-Artikolu 17 (3) tal-Kap 10 qed tordna lill-imputat sabiex inehhi l-bini zejjed li kien bla permess u dan fi zmien tliet xhur millum. Jekk dan il-bini ma jitnehhiex fiz-zmien moghti lill-imputat allura jkun suggett ghal multa ta' 46.70 Euro ghal kull jum li fih l-imputat jonqos li jnehhi l-imsemmi bini.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------